

**RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL****tat-8 ta' Lulju 2014****dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma 2014 tal-Polonja u li twassal opinjoni tal-Kunsill  
dwar il-Programm ta' Konverġenza tal-Polonja, 2014**

(2014/C 247/19)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 121(2) u 148(4) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97 tas-7 ta' Lulju 1997 dwar it-tisħiħ tas-sorveljanza ta' pożizzjonijiet ta' baġit u s-sorveljanza u l-koordinazzjoni ta' politika ekonomika<sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 9(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet tal-Parlament Ewropew,

Wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Impjiegi,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Politika Ekonomika,

Billi:

- (1) Fis-26 ta' Marzu 2010, il-Kunsill Ewropew qabel mal-proposta tal-Kummissjoni biex tiġi mnedija strateġija ġdida għat-tkabbir u l-impjiegi, Ewropa 2020, ibbażata fuq koordinazzjoni msaħħa tal-politiki tal-ekonomija, li tiffoka fuq il-punti ewlenin fejn hija meħtieġa azzjoni sabiex jissaħħa il-potenzjal tal-Ewropa għal tkabbir sostenibbli u kompetittività.
- (2) Fit-13 ta' Lulju 2010, il-Kunsill, abbażi tal-proposti tal-Kummissjoni, adotta Rakkomandazzjoni dwar il-linji gwida ġenerali għall-politiki ekonomiċi għall-Istati Membri u l-Unjoni (mill-2010 sal-2014) u, fil-21 ta' Ottubru 2010, huwa adotta deċiżjoni dwar il-linji gwida għall-politiki tal-impjiegi tal-Istati Membri<sup>(2)</sup>, li flimkien jiffurmaw il-"linji gwida integrati". L-Istati Membri kienu mistiedna sabiex jikkunsidraw il-linji gwida integrati fil-politiki ekonomiċi u tal-impjiegi tagħhom.
- (3) Fid-29 ta' Ġunju 2012, il-Kapijiet ta' Stat jew il-Gvern tal-Istati Membri ddeċidew dwar Patt għat-Tkabbir u l-Impjiegi, li jipprovdi qafas koerenti għal azzjoni flivell nazzjonali, dak tal-UE kif ukoll taż-Żona tal-Euro permezz tal-użu tal-ġhodod, l-istrumenti u l-politiki kollha possibbli. Huma ddeċidew dwar azzjoni li għandha tittieħed fil-livell tal-Istati Membri, b'mod partikolari li tesprimi impenn b'mod sħiħ sabiex jinkisbu l-oġettivi tal-Ewropa 2020 u jiġu implimentati r-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż.
- (4) Fit-9 ta' Lulju 2013, il-Kunsill adotta Rakkomandazzjoni<sup>(3)</sup> dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma għall-2013 tal-Polonja u ta l-opinjoni tiegħu dwar il-Programm ta' Konverġenza aġġornat tal-Polonja għall-perijodu 2012-2016.

<sup>(1)</sup> ĠU L 209, 2.8.1997, p. 1.

<sup>(2)</sup> Miżmuma għall-2014 permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/322/UE tas-6 ta' Mejju 2014 dwar il-linji gwida għall-politika tal-Istati Membri dwar l-impjiegi għall-2014 (ĠU L 165, 4.6.2014, p. 49).

<sup>(3)</sup> ĠU C 217, 30.7.2013, p. 63.

- (5) Fit-13 ta' Novembru 2013, il-Kummissjoni adottat l-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir, li jimmarka l-bidu tas-Semestru Ewropew 2014 għall-koordinazzjoni tal-politika ekonomika. Ukoll, fit-13 ta' Novembru 2013, il-Kummissjoni, fuq il-bażi tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>(1)</sup>, il-Kummissjoni adottat ir-Rapport ta' Mekkaniżmu ta' Twissija, li fih il-Polonja ma ġietx identifikata bħala wieħed mill-Istati Membri li għalihom se ssir revizzjoni fil-fond.
- (6) Fl-20 ta' Diċembru 2013, il-Kunsill Ewropew approva l-prijoritajiet li jiżguraw stabbiltà finanzjarja, konsolidament fiskali u azzjoni biex jissaħħaħ it-tkabbir. Il-Kunsill enfasizza l-ħtieġa li jissokta l-konsolidament fiskali differenzjat u favur it-tkabbir, sabiex il-kundizzjonijiet ta' self għall-ekonomija jergħu lura għan-normal, jiġu promossi t-tkabbir u l-kompetittività, jiġu trattati l-qgħad u l-konsegwenzi soċjali tal-kriżi, u biex l-amministrazzjoni pubblika tiġi mmodernizzata.
- (7) Fl-24 ta' April 2014, il-Polonja ppreżentat il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tagħha għall-2014 u l-Programm ta' Konverġenza tagħha għall-2014. Biex jiġu kkunsidrati l-konnessjonijiet ta' bejniethom, iż-żewġ programmi ġew ivvalutati fl-istess żmien.
- (8) L-objettiv tal-istrateġija baġitarja msemmi fil-Programm ta' Konverġenza tal-2014 għandu jkun li d-defiċit jinżel għal anqas minn 3% tal-valur referenzjarju tal-PDG fit-Trattat sal-2015 u jintlaħaq l-objettiv tat-terminu medju sal-2018. L-objettiv tat-terminu medju (-1% tal-PDG f'termini strutturali) huwa aktar strinġenti minn dak li jitlob il-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir. Il-miri tad-defiċit nominali ppreżentati fil-Programm ta' Konverġenza tal-2014 huma konsistenti ma' korrezzjoni f'waqtha tad-defiċit eċċessiv. Barra minn hekk, filwaqt li l-aġġustament strutturali (ikkalkulat mill-ġdid) fl-2014 huwa konformi mar-rakkomandazzjoni tal-Kunsill skont il-Proċedura ta' Defiċit Eċċessiv, huwa anqas mit-titjib mitlub fl-2015. Fis-snin wara l-korrezzjoni ppjanata tad-defiċit eċċessiv, il-progress annwali ppjanat (ikkalkulat mill-ġdid) lejn l-objettiv tat-terminu medju huwa anqas mir-rekwiżiti tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir. Għaldaqstant, l-objettivi tal-programm huma parzjalment konformi mar-rekwiżiti tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir. Huwa previst li d-dejn gross tal-gvern jibqa' taħt is-60% tal-PDG matul il-perijodu kopert mill-programm. L-awtoritajiet Pollakki pprevedew li dan se jonqos f'daqqa minn 57,1% tal-PDG fl-2013 għal 49,5% fl-2014, l-aktar minħabba t-trasferiment kbir u ta' darba tal-assi tal-fond tal-pensjoni, u se jibqa' f'dan il-livell fl-2015. Ix-xenarju makroekonomiku li jirfed il-projezzjonijiet baġitarji fil-Programm ta' Konverġenza huwa plawżibbli għall-2014 u ottimist għall-2015 b'rata ogħla ta' tkabbir reali tal-PDG ta' 3,8% meta mqabbel mat-3,4% fit-tbassir tas-servizzi tal-Kummissjoni għar-Rebbiegħa tal-2014. Abbażi tal-valutazzjoni tiegħu tal-Programm ta' Konverġenza u tat-tbassir tal-Kummissjoni, skont ir-Regolament (KE) Nru 1466/97, il-Kunsill huwa tal-opinjoni li filwaqt li l-Polonja hija mistennija li tibqa' taħt il-livell massimu tad-defiċit nominali rrakkomandat mill-Kunsill għall-2014, jeżistu riskji għal korrezzjoni sostenibbli tad-defiċit eċċessiv fl-2015, u, minn hemm, għall-mixja ta' aġġustament xierqa lejn l-objettiv tat-terminu medju.
- (9) Sabiex jiġi żgurat is-suċċess tal-istrateġija ta' konsolidazzjoni fiskali, huwa importanti li l-konsolidazzjoni fiskali tkun appoġġata b'riformi strutturali komprensivi. Sehem baxx ta' nfiq li jsaħħaħ it-tkabbir (l-edukazzjoni, ir-riċerka u l-innovazzjoni) ixekkel il-prospetti ta' tkabbir fit-tul. L-infiq fil-qasam tal-kura tas-saħħa huwa mistenni li jikber b'mod konsiderevoli fit-terminu medju għal dak twil minħabba soċjetà li qed tixjeh. Il-piż fuq il-finanzi pubbliċi jista' jtnaqqas u l-aċċess għall-kura tas-saħħa jittejjeb bit-tisħiħ tal-kura primarja u s-sistemi ta' riferiment u bl-isfruttament tal-potenzjal għal qligħ tal-kosteffiċjenza fil-kura fl-isptar. Il-konformità baxxa tat-taxxi tibqa' problema, b'mod partikulari f'termini ta' effiċjenza tal-amministrazzjoni tat-taxxa u fil-livell tal-piż amministrattiv fuq il-kontribwenti. Fl-istess waqt il-Polonja reċentament ippubblikat Pjan ta' Azzjoni għat-titjib fl-effiċjenza tal-konformità tat-taxxi u l-amministrazzjoni tat-taxxa fis-snin 2014-2017. Il-Polonja għandha sistema ta' rati mnaqqsa ta' VAT li tikkontribwixxi għall-ogħla nuqqas fil-politika tal-VAT fl-Unjoni. Dan iwassal għal telf fid-dħul u kostijiet miżjuda ta' konformità tat-taxxa. Il-livell ta' tassazzjoni fuq l-enerġija huwa relattivament baxx. Fil-passat riċenti tiegħu passi biex jitjeb il-qafas fiskali Pollakk. Madankollu, il-qafas jibbenefika mill-introduzzjoni ta' kunsill fiskali indipendenti sħiħ, li jkun responsabbli għal verifiki ex ante ta' konformità mar-regoli fiskali, valutazzjoni ta' previzzjonijiet makroekonomiċi u baġitarji u analiżi tas-sostenibbiltà fit-tul tal-finanzi pubbliċi kif ukoll valutazzjoni ex post ta' konformità mar-regoli fiskali.

(1) Regolament (UE) Nru 1176/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Novembru 2011 dwar il-prevenzjoni u l-korrezzjoni ta' żbilanċi makroekonomiċi (ĠU L 306, 23.11.2011, p. 25).

- (10) Il-qgħad fost iż-żgħażaġh żdied b'mod gradwali matul l-aħħar sena, u dan parzjalment jirriżulta mill-ispariġġ kontinwu bejn l-eżiti tal-edukazzjoni u l-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol kif ukoll il-proporzjon li qed tikber ta' żgħażaġh barra mill-edukazzjoni, impjeg jew taħriġ. Minkejja l-isforzi kontinwi biex tiġi riformata s-sistema ta' edukazzjoni u taħriġ vokazzjonali, jeħtieġ li l-aċċess għal apprentistati ta' kwalità tajba u taġħlim imsejjes fuq ix-xogħol ikompli jiġi ffaċilitat, sabiex tissaħħaħ il-kooperazzjoni bejn l-iskejjel u l-impjegaturi u sabiex jintlaħqu iż-żgħażaġh li mhumiex irreġistrati, f'konformità mal-oġġettivi ta' garanzija għaż-żgħażaġh. L-aġġustament tal-ħiliet għar-rekwiżiti tas-suq tax-xogħol huwa wkoll importanti b'mod partikulari fil-kuntest tat-taġħlim tul il-ħajja, fejn il-parteċipazzjoni għadha baxxa ħafna, speċjalment fir-rigward tal-ħaddiema kbar fl-età, li l-kompetenzi taġħhom ta' spiss ma jkunux għadhom validi. Is-segmentazzjoni tas-suq tax-xogħol tippersisti bl-użu estensiv ta' kuntratti ta' impjeg b'terminu fiss kif ukoll kuntratti tal-liġi ċivili. L-inċidenza tal-impjegji b'terminu fiss hija partikolarment għolja fost iż-żgħażaġh. Filwaqt li l-kuntratti b'terminu fiss ta' spiss ikunu meqjusa bħala strument għan-nies qiegħda biex jidħlu fis-suq tax-xogħol bil-ħsieb li aktar tard jimxu lejn kuntratt permanenti, dan ma jidhirx li huwa l-każ għall-maġġoranza tal-ħaddiema fil-Polonja, billi r-rata tat-tranżizzjoni minn impjeg b'terminu fiss għal impjeg permanenti hija baxxa, u dan għandu t-tendenza li jinfluwenza ħażin il-produttività u l-kwalità tal-kapital uman.
- (11) Il-parteċipazzjoni tan-nisa fis-suq tax-xogħol għadha baxxa. Il-Polonja ħadet diversi miżuri biex issaħħaħ l-impjegji tan-nisa, fosthom żieda fid-disponibbiltà ta' servizzi tal-kura tat-trabi (skejjel tat-trabi), u żieda fil-finanzjament pubbliku għall-edukazzjoni preprimarja sabiex il-ġenituri jitħeġġu jiktbu lil uliedhom għall-edukazzjoni preprimarja. Madankollu, id-disponibbiltà tas-servizzi tal-kura tat-trabi għadha baxxa, speċjalment fiż-żoni rurali, u għadhom jeżistu inugwaljanzi fl-aċċess għall-edukazzjoni preprimarja. Il-parteċipazzjoni tal-ħaddiema kbar fl-età fis-suq tax-xogħol fil-Polonja għadha baxxa. Il-possibbiltajiet għal irtirar bikri tnaqqsu b'mod sinifikanti iżda jeħtieġ li jsiru aktar sforzi sabiex tiżdied l-impjegabbiltà tal-ħaddiema kbar fl-età u t-tul effettiv tal-ħajja tax-xogħol. Ir-riforma tal-iskemi tal-pensjoni speċjali għall-minaturi u l-bdiewa għadha problematika. L-iskema għall-bdiewa (KRUS) toħloq inċentivi biex il-bdiewa fuq skala żgħira jibqgħu fis-settur agrikolu, u dan jirriżulta f'qgħad moħbi fiż-żoni rurali u jstimula l-ekonomija informali. Il-minaturi jkompli jgawdu minn privileġġi f'termini ta' drittijiet għall-pensjoni hteġa minima għal rekord tax-xogħol. Iż-żewġ skemi tal-pensjoni jimpedixxu l-mobilità settorjali u territorjali tas-suq tax-xogħol.
- (12) Il-Polonja hija fost l-Istati Membri bl-iktar livell baxx ta' nefqa fir-R&Ż u hija waħda mill-aġħar fl-indikaturi usa' tal-innovazzjoni. In-nefqa fir-R&Ż privati hija baxxa b'mod speċjali. L-infiq baxx fir-R&Ż huwa abbinat mal-attività dġħajfa fir-riċerka u l-innovazzjoni minn kumpanniji u ambjent tan-negozju li ma jħeġġiġx biżżejjed l-innovazzjoni. Is-sistema ta' appoġġ għall-innovazzjoni fil-Polonja kie-net avversa għar-riskji, ibbażata l-aktar fuq għotjiet, tappoġġa l-assorbiment u t-trasferiment tat-teknoloġija mingħajr impatt kbir fuq l-innovazzjoni ġenwinament ġdida. L-inċentivi eżistenti tat-taxxa għar-R&Ż mhumiex effettivi għall-promozzjoni tar-R&Ż interni mis-settur privat u jintużaw biss mill-kumpanniji l-kbar. L-intrapriżi Pollakki ddependew l-aktar fuq l-assorbiment tat-teknoloġija. Filwaqt li dan kellu suċċess f'li jiżgura l-kisbiet fil-produttività u t-tkabbir ekonomiku, il-Polonja issa teħtieġ tranżizzjoni lejn mudell indiġenu bbażat fuq l-innovazzjoni. Iż-żieda fil-kapaċità fl-innovazzjoni tal-kumpanniji Pollakki, it-titjib tar-rabtiet bejn ix-xjenza u l-industrija u l-iżvilupp tal-istrumenti mmirati għaċ-ċiklu sħiħ tal-innovazzjoni għadhom problematiċi.
- (13) Għad hemm qligħ potenzjali għoli ħafna minn titjib fl-effiċjenza enerġetika fis-setturi kollha tal-ekonomija tal-Polonja u dan il-qligħ jista' jappoġġa t-tkabbir, itejjeb il-kompetittività u jinkontribwixxi għat-tnaqqis tad-dipendenza enerġetika tal-Polonja. Il-kapaċità fil-ġenerazzjoni tal-enerġija domestika qed teqdiem u l-grilja elettrika għadha konġestjonata iżda proġetti biex tinħoloq aktar kapaċità ta' interkonnessjoni bejn Stati Membri ġirien qed javvanzaw. Il-problema ewlenija fis-suq tal-gass naturali għadha n-nuqqas ta' diversifikazzjoni u kompetizzjoni.
- (14) L-infrastruttura sottożviluppata tat-trasport u tal-broadband fiss tal-Polonja għadha waħda mill-akbar ostakoli għat-tkabbir. B'mod partikulari, jeħtieġ investimenti sinifikanti fin-netwerk degradat tal-ferrovija biex tiżdied il-kompetittività tas-settur ferrovjarju u jinkiseb bilanċ aħjar bejn it-trasport fuq l-art u bil-ferrovija. Madwar terz biss tat-total ta' madwar 20 000 km tal-linji ferrovjarji operatorji jinsabu f'kundizzjoni teknika tajba. Għad hemm problemi bl-implimentazzjoni f'waqtha ta' proġetti ferrovjarji. L-effiċjenza fir-riżorsi tista' tiżdied billi jittejjeb l-immaniġġar tal-iskart.

- (15) L-infurzar tal-kuntratti fil-Polonja jieħu fit-tul u l-proċedura biex jinkisbu l-permessi għall-kostruzzjoni hija twila u ta' piż. Il-kostijiet għall-konformità tat-taxxa huma għoljin, u din hija problema ewlenija fl-ambjent tan-negozju. Il-Polonja għamlet progress sostanzjali fl-implimentazzjoni ta' riforma ambizzjuża li tiffaċilita l-aċċess għall-professjonijiet irregolati.
- (16) Fil-kuntest tas-Semestru Ewropew, il-Kummissjoni wettqet analiżi komprensiva tal-politika ekonomika tal-Polonja. Hija vvalutat il-Programm Nazzjonali ta' Riforma u l-Programm ta' Konverġenza. Hija ma qisix biss ir-rilevanza tagħhom għal politika fiskali u soċjoekonomika sostenibbli fil-Polonja, iżda anke l-konformità tagħhom mar-regoli u mal-gwida tal-UE, fid-dawl tal-ħtieġa li tissaħħaħ il-governanza ekonomika ġenerali tal-Unjoni billi jingħata kontribut fil-livell tal-UE għal deċiżjonijiet nazzjonali futuri. Ir-rakkomandazzjonijiet tagħha skont is-Semestru Ewropew huma riflessi fir-rakkomandazzjonijiet minn (1) sa (6) hawn taħt.
- (17) Abbażi ta' din il-valutazzjoni, il-Kunsill eżamina l-Programm ta' Konverġenza, u l-opinjoni tiegħu<sup>(1)</sup> tidher b'mod partikolari fir-rakkomandazzjoni (1) ta' hawn taħt,

B'DAN JIRRAKKOMANDA li fil-perijodu bejn l-2014-2015 il-Polonja tiegħu azzjoni biex:

1. Issaħħaħ l-istrategġija baġitarja sabiex tiżgura l-korrezzjoni tad-defiċit eċċessiv b'mod sostenibbli sal-2015 billi tikseb l-isforz ta' aġġustament strutturali speċifikat fir-rakkomandazzjoni tal-Kunsill skont il-Proċedura ta' Defiċit Eċċessiv. Wara l-korrezzjoni tad-defiċit eċċessiv u sakemm jintlaħaq l-oġġettiv fuw it-terminu medju, twestaq aġġustament strutturali annwali ta' 0,5% tal-PDG bħala valur referenzjarju. Korrezzjoni dewwiema tal-iżbilanċi fiskali teħtieġ implimentazzjoni kredibbli ta' riformi strutturali ambizzjużi biex tiżdied il-kapaċità tal-aġġustament u tippermetti żieda fit-tkabbir u l-impjiegi. F'dak ir-rigward, timminimizza t-tnaqis fl-investiment li jtejjeb it-tkabbir, ittejjeb l-immirar tal-politiki soċjali u l-kosteffettività tal-infiq u l-effiċjenza ġenerali tas-settur tal-kura tas-saħħa, twessa' l-bażi tat-taxxa, pereżempju billi tindirizza l-kwistjoni ta' sistema estensiva ta' rati mnaqqa tal-VAT, u ttejjeb il-konformità tat-taxxa, b'mod partikolari billi żżid l-effiċjenza tal-amministrazzjoni tat-taxxa. Twaqqaf kunsill fiskali indipendenti.
2. Issaħħaħ l-isforzi biex tnaqqas il-qgħad fost iż-żgħażaġh, b'mod partikolari billi tkompli ttejjeb ir-rilevanza tal-edukazzjoni u tal-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol, iżżid id-disponibbiltà tal-apprentistati u l-postijiet tat-tagħlim imsejjes fuq ix-xogħol u billi ssaħħaħ l-ilħiq taż-żgħażaġh mhux irregjistrati u l-kooperazzjoni bejn l-iskejjeļ u l-impjegaturi, f'konformità mal-oġġettivi ta' garanzija għaż-żgħażaġh. Iżżid il-parteċipazzjoni tal-adulti fit-tagħlim tul il-ħajja sabiex jaġġustaw il-forniment tal-ħiliet għad-domanda tal-ħiliet. Tiġġieled is-segmentazzjoni tas-suq tax-xogħol billi żżid l-isforzi tagħha biex tiżgura tranżizzjoni aħjar minn impjieg b'terminu fiss għal impjieg permanenti u billi jitnaqqas l-użu eċċessiv ta' kuntratti tal-liġi ċivili.
3. Tkompli bl-isforzi tagħha biex iżżid il-parteċipazzjoni tan-nisa fis-suq tax-xogħol, b'mod partikolari billi tiegħu aktar passi biex iżżid id-disponibbiltà ta' kura tat-tfal u edukazzjoni preprimarja affordabbli u ta' kwalità u tiżgura l-finanzjament stabbli. Tinkludi lill-bdiewa fis-sistema tal-pensjonijiet ġenerali, u tibda billi tgħaġġel il-ħolqien tas-sistema għall-valutazzjoni u r-regjistrazzjoni tal-introjtu tal-bdiewa. Ittemm gradwalment l-iskema speċjali tal-pensjonijiet għall-minaturi bil-għan li dawn jintegraw ruħhom fl-iskema ġenerali. Tirfed ir-riforma tal-pensjonijiet ġenerali billi żżid l-isforzi tagħha biex tippromwovi l-impjegabbiltà tal-ħaddiema akbar fl-età biex jgħollu l-etajiet ta' ħruġ mis-suq tax-xogħol.
4. Ittejjeb l-effettività tal-inċentivi tat-taxxa billi tippromwovi r-R&Ż fis-settur privat bħala parti mill-isforzi biex issaħħaħ ir-rabtiet bejn ir-riċerka, l-innovazzjoni u l-politika industrijali, u timmira aħjar l-istrumenti eżistenti fl-istadji differenti taċ-ċiklu tal-innovazzjoni.

<sup>(1)</sup> Skont l-Artikolu 9(2) tar-Regolament (KE) Nru 1466/97.

5. Iġġedded u testendi l-kapaċità tal-ġenerazzjoni tal-enerġija u ttejjeb l-effiċjenza fil-katina kollha tal-enerġija. Tħaffef u testendi l-iżvilupp tal-grilja elettrika, fosthom l-interkonnnessjonijiet transfruntiera mal-Istati Membri ġirien, u tiżviluppa l-interkonnnettur tal-gass mal-Litwanja. Tiżgura l-implimentazzjoni effettiva tal-proġetti tal-investiment ferrovjarji bla ebda dewmien u ttejjeb il-kapaċità amministrattiva f'dan is-settur. Tħaffef l-isforzi biex tiżdied il-kopertura tal-broadband fiss. Ittejjeb l-immaniġġar tal-iskart.
6. Tieġu passi ulterjuri biex ittejjeb l-ambjent tan-negozju billi tissimplifika l-infurzar tal-kuntratti u r-rekwiżiti għall-permessi tal-konstruzzjoni. Iżżid l-isforzi tagħha biex tnaqqas il-kostijiet u l-ħin li jittieħed fuq il-konformità tat-taxxa min-negozji. Tlesti r-riforma kontinwa mmirata lejn l-iffaċilitar tal-aċċess għall-professjonijiet irregolati.

Magħmul fi Brussell, it-8 ta' Lulju 2014.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

P. C. PADOAN

---